SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 135/01DM

Bank Of Valletta p.l.c.

Vs

Nicholas Falzon u
Miriam Causon

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank Of Valletta p.l.c. talab il-kundanna tal-konvenuti Nicholas Falzon u Miriam Causon sabiex ihallsu lil bank attur is-somma ta' hames mija u hamsin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm550.52) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Nicholas Falzon u Miriam Causon mal-Bank Of Valletta p.l.c. (Dok A1 u A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru tas-sena 2000 sal jum tal-pagament effetiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2000 (dok B) kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament il-PL Joseph Zammit, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikundanna lil konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' hames mija u hamsin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm550.52) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru tas-sena 2000

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg